MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2011

Numru. 1056/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**-OMISSIS-**

**Seduta ta' llum 15 ta' Settembru, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **- OMISSIS -** tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-26 ta' Lulju, 2011 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' bil-lejl, fi Triq il-Hanqa (hdejn il-Klabb tal-Bocci), Mosta:

i. Flimkien ma’ Aaron Brydon u Matthew Borg, ikkommetta serq ta’ ghadd t’oggetti, fosthom tlett mobile phones, minn fuq il-persuna ta’ Max Despott, liema serq huwa aggravate bil-vjolenza, ai termini tal-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap. 9, bil-valur li ma jeccedix l-elefejn tlett mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu tal-istess Max Depott, u/jew ta’ persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet orha;
ii. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Max Despott f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Max Despott, skond kif iccertifika Dr. Anthony Harvey M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
iii. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lil Max Despott kontra l-volonta’ tieghu u meta l-istess Max Despott gie offiz fuq il-persuna tieghu u/jew mhedded bil-mewt;
iv. Irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 53 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in segwitu ta’ sentenza datata 4 ta’ Mejju, 2011, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti w cioe’ att mill-estratt tat-twelid tal-imputat u Fedina Penali tieghu, stqarrija moghtija mill-imputat, Dikjarazzjoni ta’ Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali u certifikat mediku.

Rat illi l-imputat deher quddiemha w iddikjara li m’ghandux mezzi biex ikollu assistenza legali, w li talab tali assistenza, w ghalhekk innominat lil Dr. Mark Busuttil sabiex jassisti lill-imputat bhala avukat tal-Ghajnuna Legali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta llum, hmistax ta’ Settembru 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra

salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum hmistax ta' Settembru, 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet se tirtira r-raba' akkuza, w cioe' dik li tirrigwarda r-recediva tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta tali akkuza.

In oltre semghetha tiddikjara wkoll li l-imputat kien ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni, ghalkemm ir-res furtiva baqghet ma gietx misjuba.

Ghalhekk il-Qorti **wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe l-Artikoli 27, 31, 53, 86, 221, 262 (1) (a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** tiddikjara li ssib lill-imputat - OMISSIS - **hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni w kif minnu ammessi w tiddeciedi li tikkundannah ghal piena ta' tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini ta' l-artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta .**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha.**

**Peress li l-imputat huwa minuri, l-Qorti tordna li isem u l-partikolaritajiet tal-imputat ma jigu mxandra fuq l-ebda mezz tax-Xandir.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------